# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 26 ta' Novembru, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 616/01mm**

**NM Arrigo Limited gja Napa Limited**

**vs**

**Joseph Leone Ganado**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija u tliet liri Maltin u sitta u hamsin centezmu (Lm903.56) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merci mibjugha u ikkonsenjati lil konvenut.

Bl-ispejjez,  inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tat-30 ta’ Awissu, 2000, u bl-imghax kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-15 ta’ Novembru, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.